Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Stacy Attard)

Vs

Jason Busuttil

Kumpilazzjoni Numru: 348/2020

Illum 02 ta' Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva rregistrati fir-Registru ta' dawn il-Qrati nhar it-28 ta' Awwissu 2020 kontra:

**Jason Busuttil** ta' 47 sena, iben Publio u Josephine nee' Portelli, imwieled l-Pieta', nhar il-22 ta' Dicembru 1972, residenti fil-fond '40', Triq Indri Cilia, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 99173M.

Akkuzat talli:

U nakkuzah talli nhar il-11 ta' Awwissu 2020, bejn 15:55hrs u 16:10hrs gewwa Triq id-Duluri, Hamrun:-

1. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imsemmija Maruska Hatherly, jew ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

3. U aktar talli uza vjolenza, inkluza vjolenza moranli j, jew psikolgika, u, jew sfurzar sabiex igieghel li xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jizola tali persuna jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg.

L-Onorabbli Qorti mitluba titratta dan il-kaz bhala wiehed ta' vjolenza domestika, ai termini tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment miltuba ukoll sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Maruska Hatherley, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxi l-att tat-twelid u fedina penali tal-imsemmi Jason Busutti, umilment nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-Ligi. [1]

(Artikoli 339(1)(e), 338(dd), 251, 202(h), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

[1] Folio 1 u 2 tal-process.

Rat li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuza meta gie imressaq b'arrest quddiem il-Qorti.[2]

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat tal-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

[2] Folio 39 tal-process.
[3] Folio 12 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda, skond l-akkuza, incident wahdani li sehh fil-11 ta' Awwissu 2020 wara nofs in-nhar fi Triq id-Duluri, il-Hamrun fejn allegatament l-imputat hekk kif l-allegat vittma kienet ser tirkeb tal-linja wara x-xoghol giet segwita u mghajra minnu. Hu qalilha 'qahba u zibel', bezghet minnu u marret tirrapurtah l-ghassa.

L-imputat mitkellem mill-pulizija a tempo vergine wara li ikkonsulta mal-avukat qal li hu iltaqa' maghha kumbinazzjoni u meta kien fil-karrozza tieghu qalilha biex tieqaf halli jkellimha fuq it-tifel. Hija injoratu u hu nizel mill-vettura u peress li hija baqghet sejra u kien hemm karrozzi warajh dahal fil-vettura tieghu u saq. Jichad li qalilha id-diskors li qed tghid hija u hija baqghet iddur fl-akkwati biex tipprovokah. Bejn l-ewwel u l-ahhar darba li raha fl-incident ghaddew xi ghaxar minuti.

**Ikkunsidrat:**

L-akkuzat gie ipprezentat taht arrest quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta nhar it-12 ta' Awwissu 2020 u l-ufficjal prosekutur ezebiet r-risk assessment report mid-Domestic Violence Unit[4]. Skond l-assessment li ghamlu is-social workers fil-guranata de quo l-allegat vittma kiente f'riskju gholi li ssofri xi griehi.[5] Fl-istess seduta id-difiza talbet li l-imputat jinghata il-helsien mill-arrest kif fil-fatt gara taht diversi kundizzjonijiet li matul il-proceduri gew varjati.[6] Inharget ukoll ordni ta' protezzjoni a favur Marouska Hatherley.[7]

[4] Dok SA 4 Fol 18– 23 tal-process.
[5] Folio34 tal-process.
[6] Folio 41 tal-process.
[7] Folio 40 tal-process.

**Provi**

Xehed **PS 593 Raphael Attard Flores** nhar id-9 ta' Dicembru 2020 li jghid li huwa kien gewwa l-ghassa tal-Hamrun u s-surgent ta' qablu PS 827 Edward Grech kien qallu li xi 4.15 pm kienet marret Marouska Hatherley fejn qalet li ftit tal-hin qabel meta spiccat mix-xoghol giet segwita mill-ex-partner taghha Jason Busuttil. Dan beda jsegwiha bil-vettura JBD 819. Huwa beda jinsulentaha bil-kliem qahba u zibel. Huma infurmaw lill-Appogg fuq ordni tal-iSpettur Stacy Attard u wara li hija giet intervistata minnhom Masrouska Hatherley kienet irrizulktat f'riskju gholi. Baghat ghal-imputat fejn cahad dak addebitat lilu mill-vittma. Hu spjega li hu ltaqa' mal-vittma fit-triq b'kumbinazzjoni u meta waqaf biex jghidilha li ried jara lit-tifel, hija injoratu u hareg mill-vettura biex ikellimha pero' hija haffet il-pass. Fl-ebda hin ma qalilha li ser jahraqha. L-iSpettur giet infuramatha b'dan u li infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dottor Caroline Farrugia Frendo fejn ordnat l-arrest ta' Jason Busuttil. Hu ipprezenta r-rapport fejn spjega li hu hejja parti biss minnu.[8]

Xehdet **Marouska Hartherley** nhar id-9 ta' Dicembru 2020 fejn ikkonfermat l-incident tal-11 ta' Awwissu 2020. L-incident sehh wara nofs in-nhar fejn hija giet mghajjra u mhedda fit-triq pubblika. Tghid li sahansitra hareg ghaliha mill-vettura.[9]

[8] Folio 51 tal-process.
[9] Folio 55 tal-process.

Xehed is-**Surgent 827 Edward Grech** nhar it-30 ta' Gunju 2021 fejn ikkonferma r-rapport li ghamlitlu Marouska Hartherley fuq Jason Busuttil. Ikkonferma li hu ta handover lil PS 593 Raphael Flores dwar il-fatti kif graw u li hu hejja parti mir-rapport.[10]

Xehed **RPC 3060 Francis Gauci** nhar is-27 ta'Ottubru 2021 fejn ikkonferma li kien prezenti mal-iSpettur waqt li ittiehdet l-istqarrija tal-imputat.[11]

Xehdet l-i**Spettur Stacey Gatt** nhar il-11 ta' Mejju 2022 u qalet li hija giet infurmata dwar l-incident tal-11 ta' Awwissu 2020 mis-Surgent 827. Hija kompliet tispjega l-involviment taghha fl-investigazzjoni u kif mill-informazzjoni migbura ordnat l-arrest tal-imputat. Tikkonferma li hija haditlu stqarrija li ipprezentata a folio 35 sa folio 37. F'din l-istqarrija jikkonferma li hu waqaf ikellimha minhabba it-tfal pero' ma jafx x'qalilha. Ikkonferma li jista' jkun ghajjarha qahba pero' mill-bqija kollu gideb.[12]

Xehed **Jason Busuttil** nhar it-22 ta' Novembru 2023 fejn ammetta l-inkontru u qal is-segwenti:

"Issa jiena ma jidhirlix li ghidtha din il-kelma igifieri. Issa forsi xi kliem li offendejtha jew hekk ghax konna qed nillettikaw mhux bl-idejn speċi xejn fhimt.

[10] Folio 61 tal-process.
[11] Folio 69 tal-process.
[12] Folio 74 tal-process.

Issa jiena ma jidhirlix li ghidtha din il-kelma igifieri. Issa forsi xi kliem li offendejta jew hekk ghax konna qed nillettikaw mhux bl-idejn speċi xejn  fhimt.

Issa jiena ma jidhirlix li ghetha din il-kelma igifieri. Issa forsi xi kliem li offendejtha jew hekk ghax konna qed nillettikaw mhux bl-idejn speċi xejn  fhimt.

**'Issa jiena ma jidhirlix li ghidtha din il-kelma.  Issa forsi xi kliem li offendejtha jew hekk ghax konna qed nillitikaw mhux bl-idejn speci xejn fhimt'**

Waqt il-kontro-ezami imbghad jghid:

**'Issa xi kliem hekk jista' jkun li ghedtilha imma ta' dak il-hin u baghqet sejra biex ma narax lit-tifel igifieri biex tieqaf hu.'**

Qali li kien mahruq bl-atitudni taghha ghax ma hallietux jara t-tifel.

Xehdet **Marouska Hatherly** nhar it-22 ta' Novembru 2023 fejn stqarret li hija tixtieq tirtira kollox li gara u li r-relazzjoni spiccat bejniethom u li ghandhom hamest itfal.[13]

**Ikkunsidrat:**

L-ewwel u qabel kollox il-Qorti trid tinnota li l-kwerelanta irtirat kollox, u ovvjament dan safejn huwa permissibbli bil-ligi, u dan BISS fl-ahhar seduta.  Irid jinghad ukoll li dawn l-akkuzi, inkluz dawk

[13] Folio 84 tal-process.

kontravenzjonali huma prosegwibbli *ex officio* u li l-kwerelanta diga' xehdet dwarhom bil-gurament xhur ilu.

**Il-Qorti tqis ukoll li la dawn l-akkuzi huma ta' ordni pubbliku, ghax graw fit-triq il-QOrti ghandha xorta wahda tiddeciedi fuq il-provi akkwiziti.**

**Ma jistax ikun li persuna, f'dan il-kaz mara, tkun mixja fit-triq ghall-affari taghha, jigi l-ex-sieheb taghha u allegatament jghajjarha, jintimidaha u jheddidha. Dawn ic-cirkostanzi familjari qed isiru wisq frekwenti u xi kultant b'rizultati tragici kif tghallimna l-istorja kriminologika anke f'pajjizna.**

**Barra minn dan il-Qorti trid twassal messagg inekwivoku li mhux l-ewwel nheddu lil dak li jkun u wara li l-kaz jitmexxa fil-Qorti nippretendu li xejn mhu xejn ghax il-vittma dehrilha li ma tkomplix bil-proceduri wara li inkunu ghabbejna lill-pulizija, lis-*social workers* u lill-Qrati, u s-sistema gudizzjarja kollha bix-xoghol!**

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel xejn ghandu jinghad ukoll li dan il-kaz iserrah fuq il-kredibilita' tax-xhieda. Ix-xhieda principali huma l-kwerelanti u l-imputat li kienu ghaddejjin minn perjodu xejn sabih fir-relazzjoni turbolenti taghhom. Ix-xhieda kemm tal-pulizija kif ukoll dak li kitbu is-social workers[14] jirrakkuntaw u joqoghdu fuq dak li qaltilhom

[14] Folio 18 Dok SA 4. Fol 22 isemmi lil Rachel Farrugia u Karl Saliba.

Marouska Hartherley. Il-Qorti izzid li r-rapport imhejji mis-social workers ma jistax jinghad li huwa prova tajba ghax min irredigih lanqas gie prodott bhala xhud biex jikkonfermah. Wiehed irid jghid ukoll li l-vittma meta giet murija id-dokument qalet li mhux qed taghrfu.[15] Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ma tistax toqghod fuq dan id-dokument u ser tiskartah.

Ghalkemm il-gudikant jista' jkun rinfaccat b'zewg verzjonijiet li xi uhud jistghu ikunu konfliggenti jistghu isehhu zewg affarijiet u cioe' jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx sodisfacentement ippruvat skond il-ligi u allura awtomatikament il-Qorti ghandha tillibera lill-imputat mill-akkuzi, jew jekk tkun moralment konvinta li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, timxi fuq dik il-verzjoni li taccetta. Jekk din tal-ahhar tigi accettata allura l-Qorti ghandha issib htija.[16]

Fil-kawza **Pulizija vs Joseph Thorn**[17], il-Qorti esprimiet ruha hekk:-

***'…..mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-librerazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' kunflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skond kriterji annuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen u ma temminx.'***[18]

[15] Folio 57 tal-process.
[16] **Il-Pulizija vs Mark Ciappara** deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002.
[17] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003.
[18] Ara ukoll l-artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 dwar il-fatt li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed biex tinstab htija.

Il-Qorti fliet kemm dak li qalet il-kwerelanti kif ukoll dak li qal l-imputat u jidhrilha li l-verita' tinsab f'dak li l-vittma qalet lil-pulizija a tempo vergine kif ukoll meta xehdet quddiemHa. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-imputat iltaqa' mal-vittma, ghajjarha, isulentaha u bl-agir tieghu heddidha u injurjaha. Dan l-agir gara fi triq pubblika.

**Ikkunsidrat:**

**Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(e) li taqra:**

*'jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni';*

Fil-kaz il-**Pulizija vs Joseph Frendo** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-21 ta' Jannar 2011 intqal:

'Fil-kuntest ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplati band' ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettat li tiddependi mill-volonta' ta' l-istess agent[19].'

Bl-agir tieghu, kemm verbali kif ukoll meta huwa hareg mill-vettura u beda jsegwi lill-kwerelanta, l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha

[19] Kwotata b'approvazzjoni mill-istess Qorti ta' Appell fil-**Il-Pulizija vs Caven Cutajar** App Nru. 75/2020 per Imhallef Consuelo Scerri Herrera datata 16 ta' Settembru 2020 pg. 19.

tipprova dak mahsub f'din il-kontravenzjoni. Dan l-agir u diskors li intqal gie interpretat bhala theddida mhux biss ghal dak li kien qed jigri izda ukoll seta' jigi facilment interpretat li l-aggressur kien u ried jaghmel xi haga oltre' fil-futur. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tiehu bhala veritier, li Hatherly ipprovokatu, b'dak li ghamel gie ampjament pruvat li Busuttil hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghandha ssib lill-imputat hati taht l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghar-rigward tal-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd) li taqra:**

*(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiettal-pubbliku;*

Dwar il-kontravenzjoni taht l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ftit li xejn ghanda xi izzid. Il-kliem mhux xieraq u vjolenti fil-konfront tal-kwerelanta sar f'post pubbliku. Infatti hija tghid testwalment:

***'Beda jghajjarni certu kliem bhal qahba u zibel u hekk u jiena bzajt u dort u bqajt mixja. Kompla jsegwini bil-karozza umbaghad beda jghidli jiena lilek naharqek hajja u intik xebgha, sadanittant hareg mill-karrozza. Jiena haffift kemm stajt il-pass biex immur lejn l-ghassa tal-Hamrun'***.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi ghandha ssib lill-imputat hati wkoll tat-tieni akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tielet akkuza li tinkwadra ruha fl-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li taqra testwalment is-segwenti[20]:

***251(1) Kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel li xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan.***

***(2) Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan….'***

Rigward il-piena l-Artikolu 250 (1) u (2) jipprovdi hekk:

*250.(1) ….., jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.*

*(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin.*

Fil-kawza **Il-Pulizija v. Massimo Tivisini** Qorti tal-Appell, deciz fis-27 ta' Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat: "Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- 'Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that

---

[20] **Sub titolu: FUQ IT-THEDDID, VJOLENZA PRIVATA U FASTIDJU**

being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose', dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat 'in isolation' b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: 'Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez' [21.6.07] :- '…. f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien'" …. Illi r-reat tal-'fastidju' (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht ir-raba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgha ('alarming') jew idejjaq ('causing ..distress') lill-persuna. .... Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatgha jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w

dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jinbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati."

Illi fil-kaz in ezami, kif diga' inghad il-kliem maghdud bl-agir tal-imputat holoq indubbjament bizgha fil-vittma.  Mhux accettabbli li xi hadd jhedded lil xi hadd '**naharqek hajja u intik xebgha**' fost l-ohrajn.

Il-Qorti tqis ukoll illi dak li gara fil-11 ta' Awwissu 2020 irid jinqara fil-kuntest tal-mahfra u d-dikjarazzjoni li ghamlet il-vittma Hatherly waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2023 fejn hija stqarret li hija riedet tirtira kollox.

Wiehed irid iqis li mill-provi mressqa, li l-Qorti tista' tistrieh fuqhom, jidher li dan kien incident *izolat li sehh fi ftit minuti jekk mhux sekondi*. Mill-fedina penali tal-imputat, persuna ta' mhux eta' zghira, jidher li ma kienx hemm incidenti relevanti fuq vjolenza domestika fil-passat. L-istess fedina, ghalkemm hemm incidenti ta' ordni pubbliku, bhal sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni u incident fejn l-imputat hebb ghal ommu u ikkawzala griehi hfief, dawn jirrisalu ghal hafna snin ilu[21].

[21] Folio 12 u 13 tal-process.

Il-Qorti ghalhekk temmen li l-estremi tar-rekwiziti legali mehtiega sabiex tinstab htija taht dan l-artikolu ma jirrizultawx fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz. Il-Qorti temmen li l-imputat iltaqa' b' kumbinazzjoni mal-vittma, meta hija ma taghtux wicca ghar-ragunijiet taghha, huwa tilef it-tempra hareg mill-vettura u heddidha u kellimha mhux xieraq pero' minghajr il-hsieb la li jweggahha u lanqas li jweggahha fil-futur jew li joholqilha xi pressjoni psikologika kif rikjesta taht dan l-artikolu partikolari.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tqis illi ghandha tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza.

**Ikkunsidrat:**

**Piena**

**Ghar-rigward ta' piena l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li dawn l-incidenti bejn familjari qed isiru aktar frekwenti. Lanqas tista' il-Qorti tinjora il-fatt li hafna drabi l-vittmi ta' vjolenza domestika, *bullying* u aggressjonijiet psikologici huma fil-maggior parti n-nisa. Kulhadd irid jitghallem jghix fil-paci u fil-kwiet tar-relazzjoni, anki meta din tispicca wara hafna snin kif inhu l-kaz in ezami**.

Minn naha l-ohra l-Qorti rat li dan kien incident izolat, kif ukoll hadet nota tal-fedina penali tal-imputat li mhix inkwetanti.

Il-Qorti tqis illi ghandha taghti l-piz misthoqq ukoll lill-istqarrija tal-vittma Marouska Hatherly tat- 22 ta' Novembru 2023 fejn hija ddikjarat illi trid tirtira l-proceduri fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant, temmen li piena ta' detenzjoni li ghandha tigi sospiza ghal perjodu twil hija wahda idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 339(1)(e), 338(dd), 251, 202(h), 382A, 383, 384, 385, 412C, 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-artikoli 7(2) u 12(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat **JASON BUSUTTIL HATI tal-ewwel u tat-tieni akkuza u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' detenzjoni ghal xahar li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal sena mil-lum filwaqt li ssib lill-imputat JASON BUSUTTIL MHUX HATI tat-tielet akkuza u qed tilliberah minnha.**

Il-Qorti qeghda ukoll ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex bl-ebda mod ma jimmolesta jew javvicina lil Marouska Hatherly taht penali ta' elfejn Ewro (€2,000) u dan ghal perjodu ta' sena mil-lum.

Peress li ma kienx hemm spejjez u lanqas hatra ta' periti f'dawn il-proceduri il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni taht l-Artiklolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.